

# IR-RELIKWA TAL-KRANJU TA' MISSIERNA SAN DUMINKU

minn P. Alan Joseph Adami O.P.,
*B.A. Phil. & Class. (Melit); STHB (Dub.)*

B'liema ferħ intlaqgħet min-nies tal-Birgu l-aħbar tal-miġja f'Malta tar-relikwa tal-Kranju ta' Missierna San Duminku, għall-Festi Ċentinarji fil-Birgu, f'ġieħ it-800 sena mill-mewt tal-Patrijarka ta' Kalaroga. Kienet tabilħaqq okkażjoni memorabbli meta nhar id-19 ta' Frar 2020, il-Pirjol, P. Aaron Zahra O.P., ħabbar minn fuq l-altar lill-folla ħerqana miġbura, illi x-xewqa tal-Kapitlu Konventwali tal-Lunzjata, u dik tal-Kumitat tal-Festi Ċentinarji, intlaqgħet bil-ferħ mis-sorijiet Dumnikani ta' Monte Mario ġewwa Ruma, sabiex il-Kranju jinġieb f'Malta bejn il-21 u d-29 ta' Awwissu 2021.



Din l-idea kienet ilha tberren f'moħħ il-Patrijiet, u l-ħidma sfiqa sabiex tinġieb Malta bdiet minn kmieni. Infatti wara xi kuntatti li għamilt jiena f'Ruma stess, jiena u l-Pirjol kellimna lill-Madre Prijura u xi rappreżentanti mill-Kunsill tagħha, fejn saret it-talba formali. Wara ftit ġimgħat irċevejna l-aħbar sabiħa li l-Madre Prijura, wara konsultazzjoni u vot mill-Kunsill tagħha, laqgħet it-talba tal-Komunità tagħna. It-tħejjijiet loġistiċi huma kollha lesti u issa jonqos biss il-Providenza Divina, u l-għajnuna finanzjarja tagħkom, biex jekk Alla jrid nilqgħu għall-ewwel darba f'Malta r-relikwa tal-Kranju ta' Missierna San Duminku fl-aħħar ta' Awwissu.



L-istorja tar-relikwa tmur lura bosta snin. Ferdinando I de Borbon (1751-1802), Prinċep ta' Spanja u Duka ta' Parma (1765-1802) bena knisja u kunvent għad-Dumnikani f'Colorno, ħdejn Parma, biswit il-palazz tiegħu. Peress illi huwa kien ried jgħaqqad kollezzjoni kbira ta' relikwi, kiseb għal din il-Knisja bosta fdalijiet ta' qaddisin biex isir urna prezzjuża. Fost il-bosta fdalijiet ta' qaddisin kien hemm riġel u driegħ ta' San Tumas t'Akwinu, is-sinsla tad-dahar ta' San Vinċenz Ferrer, u żewġt iswaba' u żewġt sinniet ta' San Pietru ta' Verona.

Sal-1766 f'din l-urna nsibu li kienu diġà tqiegħdu żewġ briksiet miċ-ċella fil-kunvent ta' Bologna fejn, skont tradizzjoni antika, miet San Duminku. Din l-urna baqgħet issebbaħ ruħha b'diversi relikwi ta' San Duminku. Infatti, il-Gran Duka tat-Toskana Leopoldu I kien kiseb mingħand in-neputi tiegħu sinna tal-qaddis li kienet ingħatat lilu mill-Kunvent ta' Bologna fl-1699, taħt pressjoni mill-Kardinal Francesco dei Medici, li oriġinarjament xtaqha għal ħuh il-Gran Duka Cosimo III. Fl-urna kien hemm ukoll żewġ paġni mill-brevjar ta' San Duminku, u biċċa mill-velu li kien ikopri l-immaġni ta' San Duminku ta' Soriano.



Minkejja dawn l-oġġetti tant sagri u prezzjużi Ferdinandu xorta waħda ma kienx sodisfatt, u fl-1784 kien aktar ambizzjuż fit-talba tiegħu. Din id-darba talab illi jkollu relikwa mill-korp sagru ta' San Duminku. Meta Ferdinandu ra illi ma setax jikseb l-awtorizzazzjoni direttament mingħand il-Majjistru Ġenerali tal-Ordni, Balthasar de Quiñones (1777-1798), fittex direttament is-sapport tal-Arċisqof ta' Bologna, il-Kardinal Andrea Gioannetti (1722-1800), li dan min naħa tiegħu talab direttament lill-Papa Piju VI. B'digriet pontifikali qasir tat-2 ta' Diċembru 1783, il-Papa ordna lill-Kardinal Gioannetti biex jieħu u jagħti lid-Duka:

aliquam sancti Dominici calvariae particam, quae [...] in dicta ecclesia conventus Ordinis Praedicatorum Bononien. Asservatur [...] ita ut calvaria huiusmodi extrinsecus neutiquam deformis appareat. (*xi parti mill-kranju...li jinsab fil-knisja konventwali tal-Ordni tal-Predikaturi f'Bolonja. Dan għandu jsir b'attenzjoni...sabiex il-kranju, maqtugħ f'dan il-mod, ma joħloqx deformazzjoni viżibbli*)

Il-qtugħ sar filgħaxija tal-15 ta' Jannar 1784, fil-preżenza tal-Arċisqof Gioannetti, żewġ deputati senaturi u ftit persuni oħra. Il-kappillan Don Luigi Dardani, inkarigat mill-fdalijiet għall-arċidjoċesi ta' Bologna, wettaq il-qtugħ b'serrieq imħejji għal dan il-għan. Il-kranju kellu jitteħidlu rettangolu mill-qorriegħa ta' 11.12x7.4ċm, li tikkonsisti fil-parti ta' quddiem tal-għadam u ż-żewġ partijiet ta' fuq li jikkorrispondu mal-għadam parjetali. Meta l-qawwiet ta' Napuljun ħabtu għad-Dukat ta' Parma, il-Prinċipessa Carlotta, bint id-Duka Ferdinando, illi fl-1797 kienet irċeviet l-abitu Dumnikan bl-isem ta' Swor Ġjaċinta Domenica, ġiet imġiegħla tabbanduna Colorno, sabiex issib kenn f'Ruma fil-monasteru ta' SS. Domenico u Sisto.

Il-prinċipessa ħadet magħha r-relikwi ta' San Duminku, fejn baqgħu hemm sal-1901, meta l-Majjistru Ġenerali Andrea Frühwirth talab lis-sorijiet għal waħda mir-relikwi ta' San Duminku fil-pussess tagħhom, biex jonora talba li rċieva mill-bażilika ta' Santa Clotilde f'Reims. Is-sorijiet għaddew is-snin li Leopold tat-Toskana kien ta lil ħuh fl-1766. Madankollu, Frühwirth qasam is-sinna f'żewġ partijiet u waħda bagħatha f'Reims, filwaqt li l-oħra żammha għalih innifsu u sal-lum għadha fil-kurja ġenerali tad-Dumnikani f'Santa Sabina f'Ruma.



Matul l-istorja, ir-relikwa tal-Kranju sofriet aktar qasmiet. Fl-1910, fuq ordni tal-Majjistru Ġenerali l-Beatu Ġjaċint Cormier (1904-1916), ittieħdet strixxa tal-għadam frontali tad-daqs 12x59mm, fl-okkażjoni tat-trasferiment tal-Kurja Ġenerali u tal-Università Angelicum għal S. Vitale f'Ruma. L-aħħar ċesura seħħet propju kważi mitt sena ilu fl-1921 fl-okkażjoni tas-seba' ċentinarju tal-mewt ta' San Duminku. Is-sorijiet iddeċidew li jirrestawraw ir-relikwarju, li fih kien hemm biċċa diġà maqtugħa mill-qorriegħa. Dawn ħasbu li jkomplu jneħħu l-biċċa li kienet diġà frammentata u maqsuma biex tkun tista' titqiegħed għad-devozzjoni tal-poplu. Fl-1931 il-biċċa tal-Kranju, li kienet maqtugħa darbtejn, ġiet trasferita lejn il-Monasteru l-ġdid ta' San Duminku u San Sistu fuq Monte Mario fejn għadu ppreservat sal-lum, u li s-sena d-dieħla ser nilqgħu fostna fil-Birgu.

Għalhekk kull Dumnikan Malti għandu jħares bil-quddiem sabiex fl-aħħar t'Awwissu tas-sena d-dieħla nilqgħu fostna għall-ewwel darba f'Malta din ir-relikwa qaddisa u awtentika tal-

Patrijarka Missierna San Duminku. Kif kitbu xi riċerkaturi minn Bolonja tar-relikwi tal-ġisem ta' San Duminku, 'ma hemmx qaddis ieħor li nistgħu nsegwu b'daqstant preċiżjoni l-avvenimenti storiċi partikolari tar-relikwi tiegħu. L-ebda qaddis ma kellu l-fdalijiet tiegħu daqshekk ikkonservati u mhux imxerrdin.'[1] Il-Komunità tal-Patrijiet tal-Birgu tixtieq li din tkun okkażjoni ta' ferħ għad-Dumnikani Maltin kollha li fiha nissaħħu fid-devozzjoni u l-qima lejn dan il-qaddis kbir. Għal dan il-għan qed inħejju programm speċjali sabiex apparti, dan il-Kunvent fil-Belt Rebbieħa bi storja hekk qadima u glorjuża, ir-relikwa ta' Missierna San Duminku żżur ukoll il-Kunventi Dumnikani l-oħra kollha f'pajjiżna.

**Referenzi**


[1] P.A. D'Amato, G.G. Palmieri, E. Graffi-Benassi, A. Branzi, O.M. Olivo, F. Frassetto, *Le reliquie di san Domenico. Storia e leggenda, ricerche scientifiche, ricostruzione fisica*, a cura dell'Ordine domenicano e sotto gli auspici della Pontifica Accademia delle Scienze, Bologna 1946.



**FORTINI KIOSK**

*Kull xorta ta' ħelu, xorb,*
*ġelati, pasti, ħobż biż-żejt*
*u ħafna affarijiet oħra*

**Highlight Stationery**

**51, Main Gate Street, Vittoriosa**

From where you can find all kinds of stationery, toys, magazines, haberdashery, costume jewellery, toiletries and many other things.